MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2003

Avvi$Z Numru. 47/2003

**Flock Hatchers Company Limited**

**vs**

**Saviour Grima**

**Il-Qorti,**

Wara li rat l-avviz tas-socjeta' attrici pprezentat fil-21 ta' Jannar, 2003 fejn talbet ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, sitt mija u tmienja u disghin lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm3,698.41), ammont rapprezentanti hlas dovut ghal tigieg lilu mibjugha u kkonsenjati, liema hlas baqa' ma sarx.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-konsult, ta' l-ittra bonarja mibghuta lilu fil-5 ta' Lulju, 2002, u tal-Mandati Kawtelatorji li gew ipprezentati kontestwalment ma' l-Avviz ghas-smiegh, flimkien ma' l-interessi kummercjali mid-data tal-

konsenji relattivi sal-pagament effettiv, kontra konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li biha rriduciet is-sorte mitlub fl-Avviz fl-ismijiet fuq premessi ghas-somma ta' elfejn, mija u tleita u hamsin lira Maltin (Lm2,153.00).

Rat in-nota ta' ammissjoni tal-konvenut ghall-ammont kif ridott.

Fuq l-iskorta ta' din l-ammissjoni tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici kif ridotta, u cioe fl-ammont ta' elfejn, mija u tleita u hamsin lira Maltin (Lm2,153.00), bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------